Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IS-SEBAT LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 88**
**It-Tnejn 15ta'April 2019**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.50 p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier (hareg fit 09:11 pm)
Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku (hareg fit 09:00 pm)
Matthew Agius – Kunsillier  (dahal 8:10pm-Hareg 9:11pm)
Alan Abela Wadge – Kunsillier (dahal 8:13pm)

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**88.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija;**

88.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Matthew Agius, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol għadu ma'jafx jekk ilaħħaqx jiġi.

88.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

88.1.03 Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

88.1.04 **Talba, għall- sospensjoni tal-Aġenda.**

Is-Sur Lino Bartolo, talab sospensjoni tal-Aġenda
Il-Kunsilliera preżenti approvaw.
Is-Sur Lino Bartolo, preżenta ittra lis-Segretarju Eżekuttiv fejn kien qed jinforma lill- Kunsill li b'effett immedjat kien qed jirreżenja min Kunsillier tal-Partit Laburista u se jkompli sa l-aħħar tal-leġislatura bħala Kunsillier Indipendenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota, ta dan u avza li kien se jinforma li-Dipartiment għall- Gvern Lokali l-għada.

**88.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

88.2.01 Il-Minuti ta' Seduta L7-86 ittieħdu bħala moqrija, u kien hemm korrezjoni f'minuta 87.4.09
Il-minuti ġew approvati, unanimament.

**88.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;**

88.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti dwar laqgħa li kellha fuq ir- rapreżentant LGBTIQ fi' ħdan il- Human Rights and Integration Directorate li kienet dwar l-strateġija u pjan ta'azzjoni 2018-2022 għall- ugwaljanza LGBTIQ.

88.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- mejda Ċirkulari AKL 2019/039 dwar Inizjattiva b'kollaborazjoni ma' Heritage Malta dwar applikazjonijiet għall- passaport anzjan biex jintuża min anzjani għall-dħul b' xejn f'siti tagħha.

88.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- mejda SPI.6.2019 dwar Espressjoni ta'Interess għall- programm Għaqal id-dar- Ħajja Aħjar fejn il-Kunsill Lokali jista' japplika biex jospita' il- programm fil-Lokalita'.

88.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, poġġiet fuq il- mejda minuti tal-laqgha ma' rapreżentanti tal- MEDSEK u WSM fis- 26 ta'Frar 2018 dwar l-andament tal-ġbir organiku.
Is-Sur Maurice Agius staqsa, min attenda għall- laqgħa.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien se jattendi flimkien ma-Sur Maurice Agius izda li kien avżaħ li ma setax jattendi ftit qabel u minflok ġie miegħu is-Sur Emnanuel Brincat.

88.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Ċefai, poġġiet fuq il- mejda kopja ta'ittra ta'twissija uffiċjali lill- Kuntrattur tal-Knis. Dwar nuqassijiet u nkonsistenza li llhom għaddeja u biex jagħarraf jimxi.

88.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera preżenti dwar it-talba, tal-Kunsill ma' TM biex ssir Comunal Disabled Parking ġo Misraħ 5 ta'Ottubru ġiet approvata.

88.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera, preżenti li l-Kunsill ġie nfurmat, mill- kumpanija li toffri ġbir ta'tessuti wżati minn ħdejn id- djar. Li temporanjament qegħda twaqaf is-servizz minħabba raġunijiet li ma hemmx kontroll fuqhom.

88.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja ta' ittra għall- appell uffiċjali u reġistrata li ntbgħatet lill- LESA fuq ċitazzjoni lill-residenta ta'Triq D'Argen. Fl- 20 ta'Frar 2018 biex din tiġi re-kunsidrata fic-ċirkostanzi u tinħafer.

88.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Ċirkolari AKL 2019/ 038 Malta Pride Initiative 2019, dwar suġġerimenti għall-Inizjattivi b' appoġġ LGBTQ matul ix-xahar tal-Malta Pride.

88.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera, preżenti li l-Kunsill irċieva l-allokazzjon ta' 156,549.00 Euro għat- tieni kwart tas-sena.

88.3.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera, preżenti li l-Kunsill applika għall- kompetizzjoni Xettel b'ilwien in-Natura fejn ġew proposti tlett toroq. Triq il-Kuncizzjoni,It-taraq it-Twil ġo Sqaq il-Wied u Triq San Lwiġi. Fejn ġa saret laqgħa lill- parteċipanti, u li attenda għalija is-Sur Lino Bartolo.
Is-Sur Lino Bartolo qal li l-Kunsill ġie preżentat b'vouchers biex jinġabru l-fjuri u għadt rrid jiċekkja dawn f'hiex jikonsistu barra min hekk hemm bżonn ssir kuntatt ma' residenti ta'toroq biex jiġu mħajra jipparteċipaw. Hawn kompla jgħid li minħabba żvillupp propost fi Sqaq il-Wied ikun aħjar jekk il-Kunsill jaħseb biex jara fejn jitrasferixi il-pjanti u siġar li hemm.

88.3.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera, preżenti dwar konferenza tal-aħbarijiet li se ssir ġo Triq il-Balliju ta'Guttenberg Is-Swatar. Nhar l-Erbgħa 17 ta'April fit 3:00 pm marbuta mall- Iskema tal Housing, biex ssir xogħol ta'manutenzjoni fil- komun għall- numru ta'blokki residenzjali tal-Gvern. U biex il-Kunsilliera, li jixtiequ jattendu jistgħu jagħmlu dan.

88.3.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Ċirkulari AKL 2019/036, dwar linji gwida għall- installazjoni ta' Bicycle racks.

88.3.14 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- Kunsilliera, preżenti dwar Skemi dwar stil ta'ħajja aħjar għaċ-ċittadin organizzat mid-Direttorat tal-istrateġija u implimentazzjoni ta'Policy li saret nhar l-Erbgħa 3 ta'April li l-Kunsill benifika min somma ta' 2,167.5 euro bħala ħlas għall- parti min spiża biex jiġu nstallati żewġt outdoor Gym equipment ġo Wesgħet il-Kunsill Lokali. Li jikonsistu f'walkers għat- tfal u l- Adulti.

## 88.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

88.4.01 Is-Sur Maurice Agius staqsa' jekk kienx hemm żvilupp, dwar id-dawl ta' St Joseph Drive.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li mit-tagħrif mgħoddi fil- laqgħat preċedenti, għadu ma kienx hemm żviluppi oħra u se jibgħat reminder.

88.4.02 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar it- talba ta' no objection għall- PA/00876/17 jekk saritx il-laqgħa, bejn il-Periti.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif wieġeb fis-seduta preċedenti l-Perit tal-Kunsill, reġa' bgħat reminder lill-Perit ta’ showroom biex jiltaqgħu sa’ fejn hu nfurmat dawn ma iltaqghux Iżda il-periti tal-Kunsill bagħtu is-suġġerimenti tagħhom u ħadhu risposta li qed tiġi kunsidrata .

88.4.03 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa, dwar tagħrif lill min jagħmel llmenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fejn hu possibli jingħata ċertu tagħrif x'se jsir bħall lil- liema entita’ dan ġie mgħoddi eżempju pulizija, LESA+ ect iżda ma jingħatax dettalji tal-uffiċjal. Il- problema mhux dejjem tiġi risposta u l-Kunsill jerġa’ jibgħat reminders. Hemm wkoll nuqass ta’ informazjoni meta jkun sar xi ħaġa fuq llment fejn il-Kunsill ma jkunx infurmat li dan sar. Hemm residenti li jwasslu llmenti u jkunu huma stess li javżaw li dawn saru jew għadhom pendenti.

88.4.04 Is-Sur Emmanuel Brincat staqsa fuq il-pagamenti tal-knis għax għad hemm inkonsistenza.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li dan qed żżomm il-pagamenti b'lura sal-massimu u beda jibgħat twissijiet.

88.4.05 Is-Sur Maurice Agius, tkellem fuq r-reserved parking, ġo Triq Kalcidon Schembri li għadu hemm.
Is-Segretarju wiegeb li ġa reġa’ kiteb lis-sezzjoni ta' TM konċernata u mhux se jaqbad u jibgħat lill- ħaddiema assenjati tal-Kunsill biex ineħħuh.

88.4.06 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar xogħol ħażin, tal-kuntrattur fuq ir-rampi ġo Triq Rue D'Argens u Triq Robert Naudi biex qabel ma dawn jiġu rranġati il-kuntrattur ma għandux jieħu ħlas.

Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li dan qed żżomm lista ta' nuqqasijiet fuq it-tlett bankini. Barra xi llmenti min xi residenti u l-Ħamis 18ta'April għandu jitlaqa mal-Perit, fejn dawn se jiġu diskussi flimkien mall-osservazzjonijiet tal-Perit li mhux se jiċċertifika x-xogħol qabel ma jkun hemm kollox sew.

Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar il- kwistjoni ta' dan il kuntrattur fejn qal li huwa talab għall- koppji tal invoices u il- BOQ tal- kuntrattur u l-stimi u invoices tal- bank tar-reception li kif suppost dawn ġew mgħoddija. U għamel ftit osservazzjonijiet li jixtieq jagħmel kummenti fuqhom. Hawn kompla jispjega li meta tara il-kontijiet, tal- kuntrattur jidher ċar li barra il-kont tal-Belvedere hemm diskrepanza, fil- qisien ta'kontijiet oħra fosthom il-konkos ta' Princess Margaret. Fejn dan qed jgħid li huma 70 metru kwadru iżda meta tkejjel ssib 65 metru Kwadru u ċert li jekk dan naraw il-kontijiet l-oħra nsibu aktar diskrepanzi fosthom it-Traffic Management tal Junior College, għax ftit żebgħa u tabelli mhux se jiswew daqs hekk. Filwaqt li n-nota li hemm credit note fil-kont tar-reception desk li din ma kienitx hemm meta qajjem il-każ u staqsa jekk kienx is-Segretarju Eżekuttiv jinduna biha li kieku ma sarux dawn l-osservazjonijiet. Barra dan għadu ma jistax jifhem kif ir-reception ġiet aċċettata, offerta aktar għolja meta kien hemm tnejn irħas.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn il-kontijiet jiġu verifikati mal-BOQ, u mħallsa jekk ikunu jaqqblu. Dwar dawn l-invoices se jerġa' jagħmel verifika tagħhom u se jieħu azzjoni skond ma jsib. Filwaqt li dwar il-credit note, din ġiet osservata wara li ha ħsieb jerġa ċċekkja kollox u l-żball ma ndunax mal-ewwel bih għax l-ammont totali ta'ċekk kien jinkludi ammonti oħra .Biss la nduna u ħarġet il-credit note dan ifisser li saret azzjoni filwaqt li kieku ma qamx il-każ, dan kien xorta jinduna meta jibda jqabbel l-account.

Dwar it-traffic management dan ma kienx fih xoghol taż-żebgħa biss iżda, sar xogħol fuq il-bankini u saru rampi filwaqt li dawk l-stimi għall-Front Desk ma humiex stima waħda għax xogħol kollhu iżda zewgt stimi għax xogħol kollhu li kienu jammontaw bejniethom ghall 9757.42euro.

Is-Sur Lino Bartolo qal li meta ppropona l-skeda ma kienx jaf bl-ammonti għax l-invoices ma kienux preżentati. Meta nġibdet l-attenzjoni waqt seduta, ta' wara ġab stima mingħand l-aġent biex jara kemm dawn filfatt jiswew u jidher ċar kemm dan il-kuntrattur approfitta' ruħu kif jidher fil- kopja li għandu u li tagħha ta' kopja lis-Segretarju Eżekuttiv. Dwar ir-reception desk, kien jistenna xi ħaġa tal-kewba u bil- Minċott u mhux xi ħaġa hekk marbuta bil- viti u jekk taqbad tqis il-bieb, il-ħġieġ u il- materjal dan ma jiswiex dawk l-ammonti. Barra min hekk is-Sindku, kienet qalgħet li ma tridx tonfoq aktar min 5,000 euro. Għalhekk hemm bżonn l-invoices kollha jibdew jiġu verifikati minn Kunsilliera almenu ġimgħa qabel l-laqgħa .

Is-Sindku wieġbet dwar ir-reception desk li veru kienet rat l-ewwel stima għolja li kienet tammonta ghall fuq min 9000 euro fejn talbet ghall xi haġa orħos iżda qatt ma qalet li sa' 5000 euro biss. Meta ġiet din l-stima waqt il-laqgħa tal-Kunsill din kienet ġiet approvata unnanimament.

Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar il- credit note, u staqsa jekk dan l-ammont kienx mgħoddi lura. Jidher ċar li hemm irregolaritajiet li jwasslu għall- affarijiet oħra għalhekk qed jipproponi li jsir malajr rapport lid-dipartiment u l-awditur biex dawn jagħmlu verifika ta' kull kont li tħallas sa' issa għax xi ħadd huwa responsabbli.

Is-Sur Maurice Agius qal li huwa s-sekonda lis-Sur Charles Selvaggi u staqsa jekk il- quantity surveyor, għamilx tweġiba fil-każ jekk le qed jitlob kif kien deċiż fil-laqgħa ta'qabel li dan għandu jiġi investigat.

Is-Sur Alex Sceberras staqsa lis-Sur Charles Selvaggi xi jrid ifisser b'irregolaritajiet u għala l-kontijiet kollha għax dawn jinkludu kontijiet ta'dawl , ilma u ta ' entitajiet oħra meta l- kwistjoni hija fuq dan il-kuntrattur partikulari għax jekk hemm suspett ta'xi frodi dan l-ewwel rrid ikun verifikat. U wara jittieħdu il-passi neċessarji kollha għalhekk mhux qed jaqbel mal- proposta tas-Sur Charles Selvaggi u qed jipproponi li ssir verifika min persuni indipendenti biex jaraw jekk kienx hemm kontijiet oħra ta'dan il-kuntrattur, fejn il-Kunsill seta' ħallas aktar milli kellu jħallas.

Is-Sur Lino Bartolo kummenta li suppost hemm il-kumitat finanzjarju <l'ilu ma jiltaqa'>, biex jara dawn l-affarijiet u mhux xejn. Miżjuda:<l'ilu ma jiltaqa'>

Is-Sur Alex Sceberras, wieġeb li il-kumitat Finanzjarju hija responsabiltà tiegħu. Dan il każ huwa fuq il-kuntrattur u jekk dan setax għamel abbuż, mil- qisien u żamm aktar mill suppost.
(07:45pm) Is-Sur Charles Selvaggi, talab sospensjoni tal-laqgħa ħalli jkun jista' jikkonsulta' ma' Sur Maurice Agius.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw.
88.4.06b (07:50pm) Seduta Tkompli

Is-Sur Charles Selvaggi qal li wara li kkonsulta, qiegħed jipproponi biex ngħarfu lid-dipartiment għall- Gvern lokali b'dak li qiegħed jiġi propost biex ssir audit tal-Kontijiet u nitolbu għall- direzzjoni.

Is-Sur Alex Sciberras wieġeb li fil- prinċipju jaqbel jekk hemm dubju li l-kuntrattur seta' ma kienx korrett fil- qisien li dan għandu jkun investigat. Teknikament huwa il-Quantity surveyer, li suppost jieħu il-qisien u jiffirma għall- kuntrattur biex jithallas. Għalhekk għandhom jitqabbdu persuni kompetenti u indipendenti biex jivverifikaw u jagħmlu rapport lill-Kunsill. Fuq dak li joħroġ il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni, għall l-aħjar mod li jista' imexxi.

Is-Sur Charles Selvaggi wieġeb li hemm dubji serji, ta' kif il-Quantity Surveyor ha l-qisien u awtorizza l-ħlas għalhekk għanda ssir verifika tal-kontijiet kollha. Għax xi ħadd għandu jerfa' ir-responsabiltà ta' nuqqasijiet kollha li hemm.
(08:10pm) daħal is-Sur Matthew Agius.
Is-Sur Alex Sciberras wieġeb li mhux xieraq, u lanqas se jaċċetta li ssiru kummenti li jistgħu jwasslu biex tintefa' ir- responsabiltà fuq l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Huwa veru li seta' kien hemm żball iżda dan għandu jkun ċċarat fil- verifika li hemm bżonn ssir fejn għandu x' jaqsam dan il-kuntrattur.
Is-Sur Charles Selvaggi wieġeb li jrid jagħmilha ċara, u jitlob li tkun inkluża fil- minuti li mhux qed jipprova jitfi dell ikrah fuq is-Segretarju Eżekuttiv jew l-amministrazzjoni biss iħoss li dan il-każ għandu jmur id-dipartiment biex il-Kunsill jitlob direzzjoni u bl-ebda mod ma huwa qiegħed jipponta subgħajh lejn ħadd.
(08:13pm) dahal is-Sur Alan Abela Wadge.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li l-interess tiegħu huwa li jekk sar żball dan jiġi rranġat, u ġa ha numru ta' azzjonijiet u fejn huwa neċessarju se jikkonsulta' ma' dipartiment kif titlob ir-responsabiltà tiegħu.

(08:16pm) Sar qbil bejn il-Kunsilliera, għall- sospensjoni ta'seduta biex issiru konsultazzjonijiet.

88.4.06c (08:35pm)Tkompli seduta.

Is-Sur Matthew Agius qal li kif spjega, is-Segretarju Eźekuttiv dan jista' jitlob direzzjoni mid-dipartiment, u l-Kunsill jimxi ma' dak li ssugerit.

Is-Sur Alex Sciberras wieġeb li fil- prinċipju kullħadd qed jaqbel għalhekk għanda ssir ittra uffiċjali lid-dipartiment fejn qed ikun propost li ssir Audit tal-kontijiet, ta'dan il-kuntrattur mill- ġdid permezz ta' qisien ġodda minn persuni kompetenti u indipendenti biex ikunu jistgħu jiġu mqabbla, ma' dawk li ħareġ il-kuntrattur u x'passi jistgħu jittieħdu wara.

Is-Sur Charles Selvaggi wieġeb li d-dipartiment għandu jkun infurmat b dawn il-fatti, u jipproponi biex is-Segretarju jikteb lid-dipartiment biex nitolbu d- direzzjoni.

Is-Sur Maurice Agius qal huma disposti li jaqblu li ssir investigazzjoni tal-kontijiet kollha tal-kuntrattur għax jidher ċar bil- provi li hemm diskrepanzi fil- qisien għalhekk għanda tiġi preparata ittra uffiċjali draft mill- aktar fiss possibbli li għanda tiġi ċirkolata u approvata min kulħadd qabel ma tintbagħat lid-direttur ta'dipartiment għall- Gvern Lokali.

Is-Segretarju Eźekuttiv ħa nota, u staqsa jekk hemmx qbil.
Il-Kunsilliera, preżenti approvaw.

88.4.07 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar it-tabella tal-Merħba, li hemm ġo Rue d'Argens.
Is-Segretarju Eżekuttiv, wieġeb li din saret.

88.4.08 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk ġietx ffisata’ data għall- laqgha mal-Għaqda tas-Sajjieda dwar l-skall u l-operat tal-area.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li tkellem mar- rapreżentant, li għarrfu li qed jispiċċa tard mix-xogħol u staqsa jekk hux possibli li din ssir xi ħin .Wara it-tmienja jew inkella jara x jista jirranġa.

88.4.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ittra minn rapreżentat legali għall- sid ta'dgħajsa fejn qed japella mid-deċizjoni tal-Kunsill meħuda waqt Laqgħa L7- 87.5.04.
Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill- Kunsilliera, preżenti li din għadija lill-avukat tal-Kunsill, biex jibgħat ir-risposta bbażżata fuq il-korreteza mall-Byelaw li waslet għad-deċizjoni tal-Kunsill.

88.4.10 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar żvilupp, fuq PA/06697/17 ġo Triq D'Argens / C De Brocktorff.
Is-Sur Emmanuel Brincat wieġeb, li dan proġett kif propost kien approvat.
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopji ghall- DNO għall-Tower Crane ġo Triq C De Brocktorff, u spjega li filwaqt li ħa noti fuq il-pjanta proposta ġa konsulta mal-Kunsill Lokali Gzira. Biex jieħu l-opinjoni tagħhom minħabba li dan ġej eżatt mal- konfini. Hemm xi suġġerimenti li se jagħmel fosthom jekk hux possibli li dan ssir il-ġewwa fis-sit tal kostruzzjoni stess.

88.4.11 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar bankina temporanja, fi Triq Clarence fejn qed ssir żvilupp għax din għada ma saritx u hija ta' periklu.

Is-Sur Emmanuel Brincat wieġeb li kellem lill- kuntrattur fejn dan spjega li ċint tela aktar il barra minhabba li sfrundat il bankina sakem ssir xogħol biex tkun inforżata u biex jiġi evitat il-periklu.

Is-Segretarju ħa nota, u se jara jkellimx lill- kuntrattur biex din ssir jew jagħmel rapport lill- PA.

88.4.12 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-keep clear ma ġenb il- Knisja għax din għada qed tiġi abbużata.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb, li din se ssir xi ħaġa fuqha fejn qed jipproponi li permezz ta'kurduna toħroġ bħala rampa żgħira u jiġu nstallati bollards tal-plastic, mal- ġnub tagħha u din tista ssir flimkien mal proposta l-ohra. Għall- bandli ta'Swatar mill- ħaddiema assenjati mall-Kunsill.
Il-Kunsilliera preżenti, qabblu li dawn għandhom issiru.

88.4.13 Is-Sur Maurice Agius tkellem, dwar Loading and Unloading ġo Triq il-Prinċipessa Margaret għax din filfatt hija tiġi abbużata min vettura wahda.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li din hija, Communal Loading and Unloading nistgħu nagħmlu rapport lill- LESA biex jagħmlu spezzjoni biex jaraw li ma tiġiex abbużata.

## 88.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali, li jkunu meħtieġa;

88.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- mejda talba mill-organizaturi, Malta 3 X 3 Championship. Biex bħas sena ta'qabel jerġgħu jużaw Misraħ San Ġużepp għall- attivita sportiva.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament bil-kundizjoni li vetturi li jintużaw għall- ġarr tal- apparat sportiv,joqgħodu biss fil- pjazza sakemm dawn iħottu u jagħbu biss u ma jibqgħux fil-pjazza waqt l-attivita'.

88.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja ta' PC 00139/18 għall- żvillupp ġo zona bejn Triq is-Swatar,San Andrija,Dun Karm Indri Grima u Mons Innocenz Zammit.

Is-Sur Emmanuel Brincat qal li din hija development zone fejn dak li hemm propost huwa biex ssir zona kummercjali, residenzjali, toroq u green spaces u qed jipproponi biex jiġi mqabbad il-perit tal-Kunsill biex jikteb lill PA u jagħmel verifika ahjar ta dak propost u fl-stess ħin jidikjara l-interess tal- Kunsill biex ikun konsultat u jipparteċipa fil-laqgħat li jistgħa jkun hemm.

Il-Kunsilliera preżenti, diskutew u qabblu unanimament.

88.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba mill MFCS-DAACC biex ikunu jistgħu iwaħħlu tabella ta'indikazjoni mad-daħla li twassal għaċ-ċentru għall- anzjani (Materjal bħas sample aness 60cm X 40 cm għas- spejjez tagħhom)

Il-Kunsilliera, preżenti approvaw.

88.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet fuq l-attivita kulturali ta'kull sena għall- żmien il-Ġimgħa il-kbira fejn b'kollaborazjoni ma' voluntiera żagħżagħ, f'ħdan il-banda Melita San Ġużepp se jiġi armat salib kbir u jixgħel fuq il- baħar. Fejn il-Kunsill se jagħti sehem loġistiku tiegħu permezz ta' 400 xemgħa li jammonta sa' mhux aktar minn 150 euro.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew, u approvaw unanimament.

88.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ittra min għand is-CEO FSWS dwar il-ftuħ taċ-ċentru għall- familja fil-komunita' Msida. Fejn għarrfet lill- Kunsilliera preżenti li hemm pjanat li dan iċ-ċentru jinfetaħ f'Mejju fejn hemm it-talba jew offerta biex il-Kunsill bħala sid il-kera ilesti it-taraġ li jwassal għaċ-ċentru jew inkella jieħdu ħsieb FSWS u l-spejjeż jitnaqqsu mill- kera.

Is-Sur Lino Bartolo oġezzjona minħabba li dawn għalkemm kellhom skond il- kuntratt sitt xhur ċans, biex llestu il-fond u tardjaw dawn għadhom ma ħalsux l-ewwel kera u għalhekk ma għandhomx dritt jinponu fuq il-Kunsill.
Il-Kunsilliera diskutew u ġie osservat li l-kuntratt jgħid li l-Kunsill rrid jara u jiżgura, li dan il-fond għandu jkun aċċesibli għall- publiku fejn hemm l-obbligu li dan ssir u jkun lest fl-stess ħin u żmien li dan il-fond kien qed ssir ix-xoghol fuqhu. Mill- inkwilin biex jinfetaħ għall- pubbliku u għallhekk sakemm it- taraġ u l-poġġaman mhux lest, dan jikkonsisti f'periklu u għaldaqstant ma hux aċċessibli. Min naħa hemm l-obbligu tal-ħlas għall- kera li ġa saru kuntatti u konferma li se titħallas u naħa l-oħra l-obbligu tal kunsill li ġa għandu stimi biex dan ix-xogħol ssir. Għalhekk hemm nuqqas miż-żewġt naħat, li jistgħu jiġu solvuti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-FSWS ġa talbu dettalji tal- kont bankarju biex ikunu jistgħu jagħmlu trasferiment ta'fondi filwaqt li se jkompli jinsisti li dawn jitħallsu, mill- aktar fiss.
Ha anke ħsieb jagħmel kuntatt ma' dawk li bagħtu l-stimi ta'taraġ biex jara skond dak li ddeċieda il-kunsill fil- laqgħa L7_86( Li kellha tkun posposta mis- seduta L7-87 minħabba li skada il-ħin tas-seduta) u jekk dawn jistgħux jekk jintgħażlu, jagħmlu ix-xogħol b'mod immedjat fejn dawn konfermaw li għalkemm huwa żmien qasir dan huwa possibli.

Hawn kompla jispjega li fl-stess ħin kien hemm differenza fil- materjal offrut bejn materjal tac-China u materjal Taljan.
Dwar L-offerta tal-materjal Ciniż ġie nfurmat li dan ma għandux minnu fil- mument u ma jasalx sa’ żmien msemmi izda mit-Taljan, għandu u jista’ jagħmel stima għalhekk reġgħet intalbet biex ssir stima sal- ħin tal-laqgħa, iżda din ma waslitx.
Dwar il-poġġaman dan ġa kien deċiż fis-seduta L7_86 u fejn dan konferma li jista’ issir fiż--żmien sakemm ma jittardjax tal-irħam.

Il-Kunsilliera diskutew, u approvaw l-offerti segwenti.
Irħam stima markata numru 2 għas-somma ta' 3595.08 Euro.
Poġġaman stima markata numru 4 għas-somma ta' 1699.2 Euro.

88.5.06 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda l-Stimi biex jinbidlu 72 pannell ta' dawl fil-Kunsill liema deċiżjoni ġiet. Posposta skond dak li deċieda il-Kunsill, fil- laqgħa L7_86 u kellha tkun posposta mis seduta L7-87 minħabba li skada il-ħin tas-seduta.
Il-Kunsillier Emmanuel Brincat dikjara, kunflitt ta'interess u talab biex johrog mid-diskussjoni.
Il-Kunsilliera diskutew u approvaw l-stima, immarkata numru 6 għas-somma ta' 2710.22 euro.

88.5.07 Is-Segretarju Eżekuttiv gharraf lill- Kunsilliera preżenti li kien hemm żewġt sejħiet għall- servizzi liema żmien għall- offerta għalaq.

KLMsd TDR. 1. 2019 Cleaning of Civic Center fejn kien hemm erba offerti li dawn għad irridu jiġu evaluat.
KLMsd / TDR / 02 / 2019 service tender for the provision and maintenance of street lighting. In Imsida and parts of Swatar administered by the l-imsida local council. Fejn ma kienx hemm offerti u hemm bżonn terġa’ issir is-sejħa, filwaqt li hemm bżonn jiġedded is-servizz eżisteni sakemm ikun hemm offerta.
Is-Sur Lino Bartolo kummenta li dwar is-servizzi ta'tindif ma jistax jifhem kif ġew imdaħħla, numru ta' affarijiet dwar tindif inkluż il-purtieri u li ssiru darba fix xagħar il- persjani u il-bejt barra li dawn rridu jiprovdu huma il-material għas-servizz.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai wieġbet li sejħa ma tgħidx hekk u il-materjal huwa provdut mill- Kunsill. Filwaqt li l-affarijiet oħra għandhom ssiru regolari, u ma hemm xejn ħażin li l-purtieri jitnadfu darbtejn f'sena u l- persjani u bejt darba fix-xahar.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li tindif jagħti indikazzjoni ta' kif tindif liema huma. Dawk il- partijiet li għandhom ssiru kuljum u oħrajn mqassam bil- ġranet. Filwaqt li fuq hemm mitlub ma hu xejn aktar milli ssir illum ħlief li huwa aktar deskritt fid- dettal dwar x'hemm fil kmamar. Billi titlob arja komuni u toilets, issir kuljum u fejn possibli qabel il-ħin tal-uffiċċju u mhux waqt li jkun hemm in-nies hija normali f'dan is-servizz. L-affarijiet mitluba iżjed huma dawk obligatorji bħall- uniformi jew overall u affarijiet oħra regolati ma' ħarsien ta'saħħa fuq ix-xogħol.

88.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsilliera preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv, ġibed l-attenzjoni dwar assenza ta' Kunsilliera mill-laqgħat tal-Kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tal-lista ta' attendenza <dc 88/5/9> u għarraf lill-Kunsilliera preżenti li hemm xi Kunsilliera li mhux qed jattendu għall-laqgħat kif mitlub f'artiklu 18 ta' Kap 363, l-att dwar il-Kunsilli Lokali. Hawn kompla jispjega li kif titlob il-liġi, huwa qed jgħarraf lill-Kunsill biex qabel ma jikteb lill-Ministru b'din l-assenza, il-Kunsill għandu jiddiskuti jekk l-assenza tal-Kunsilliera kienitx dovuta għar-raġunijiet ġustifikati.

Il-Kunsilliera preżenti diskutew u wasslu ghall-konklużjoni, li skond iċ-ċirkustanzi kif diskussi, in-nuqqas ta' attendenza ta' dawn il-Kunsilliera hija ġustifikata.
Il-Kunsilliera preżenti talbu l- Isegretarju Eżekuttiv, biex jgħarraf lill-Ministru li qed jagħmlu r-rakkomandazzjoni tagħhom biex il-ministru ma jiddikjarax dawn il-postijiet vakanti.

88.5.10 Is-Segretarju Ezekuttiv ta' tagħrif fuq ix-xogħol li qed jagħmel ħaddiem assenjat inkarigat b'supervisjoni u spjega li din il-persuna kief ġa jafu il-Kunsilliera preżenti. Għanda iniżjattiva u tieħu ħsieb li tara li ssir bosta xogħol madwar il-Lokalita' u għalhekk qed jitlob lill- Kunsill biex jikunsidra li noffru żieda fl-allowance ta' responsabilita' li qed joffri dan il-ħaddiem.
Il-Kunsilliera preżenti qabblu unanimament li dan għandu jingħata' żieda għar- responsabilita' li qed iġorr u talbu biex naraw kemm hija l-allowance ta'dan l-impjegat biex ikun stabillit kemm dan għandu jiżdied.

88.5.11 Is-Segretarju Eźekuttiv għarraf lill- Kunsilliera preżenti li saret is-sejħa interna biex jimtela il-post vakanti għall skrivan/a Skala 15 (full time) fejn saret applikazzjoni waħda min impjegata li tokkupa l-stess pożizzjoni (Back to Back)
Is-Sur Maurice Agius staqsa x'kwalifiċi rrid ikun hemm għax meta talabhom dawn ma ngħatawx.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn huma regolamenti mil-leġislazzjoni iżda jista' jiġi u jitlobhom fil hin tal-uffiċju.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk rridx ssir interview ieħor.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-stess kwalifiki japplikaw biss dan jista' ssir.

**88.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport, tal-laqgħat tal-Kumitat**

88.6.01 Ma kienx hemm, rapporti.

**88.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni, tal-iskeda ta' pagamenti;**

88.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K7-88 < dc 88 .7. 01 > ta' ħlasijiet bejn l-1 ta' Marzu sa' 21 ta' Marzu. Għall-approvazzjoni tal-Membri.
Saru xi mistoqsijiet, dwar il- ġranet ta' ġbir tal-iskart fejn itieħħdet nota .L-Iskeda ġiet posposta għas -seduta li jmiss.

**88.8 Tmiem tal-laqgħa u d- data, tas-seduta li jmiss.**

88.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-9:35 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun il-Ħamis 16 ta'Mejju fil 05:30pm.

Minuti konfermati, illum 16 ta' Mejju 2019

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |